MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1408/2002

**A maghrufa bhala B C, mart D C**
**Vs**
**E C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-attrici ottjeniet nhar it-tletin (30) ta' Settembru, tas-sena kurrenti l-awtorizzazzjoni mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kif ippreseduta mis-Sinjorijia tieghu l-Prim' Imhallef Vincent A De Gaetano, LL.D., u a bazi tar-rikors numru 1866/2002, odjernament hija qed tipprocedi bil-kawza tas-separazzjoni personali a bazi tat-talbiet li hija qed taghmel aktar l-isfel. Kopja tad-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li jgib in-numru 1705/2002 tat-tletin ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (30.09.2002) hawn annessa bhala dokument CS1.

Premess illi l-konvenut E C huwa hati fil-konfront ta' martu l-attrici kemm a bazi ta' artikolu 38 tal-Kodici Civili kif ukoll fid-dimenzjoni tieghu kollha a bazi ta' artikolu 40 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Premess illi d-dizgwid matrimonjali bejn il-konjugi C issa ilu sejjer is-snin kif manifestament jirrizulta mid-diversi att li hemm anke fl-arkivji tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, izda dan kien l-ewwel pass definittiv li l-attrici ghamlet biex tintavola kawza kontenzjuza kontra zewgha, ghaliex hi kienet qed tittama li tevita dan il-pass permezz ta' separazzjoni bonarja.

Premess illi l-attrici saret taf li nhar il-Gimgha, disgha u ghoxrin ta' Novembru, tas-sena elfejn u tnejn (29.11.2002), il-konvenut ipprezenta c-citazzjoni numru 1362/02 – RCP fl-ismijiet: E C versus Susanne C, liema kawza naturalment ghadha mhux appuntata, u proprju bl-intiza li l-kawza taghha timxi pari passu ma' dik ta' zewgha fl-ismijiet inversi, l-attrici hija wkoll qed tintavola din il-kawza fdata li kienet possibilment l-aktar vicin ghal dik li fiha ntavola c-citazzjoni l-konvenut odjern zewgha imma bhala attur.

Premess illi huwa minnu li l-kontendenti konjugi C inghaqdu fiz-zwieg nhar il-hdax ta' Gunju, tas-sena elf disa' mija sebgha u sebghin (11.06.1977), u mir-relazzjonijiet intimi ta' benjiethom kellhom tlett itfal, li llum it-tlieta li huma maggorenni tista' tghid, peress li l-kbira Anne Marie ghandha erbgha u ghoxrin (24) sena, u hija mizzewga bit-tfal, u tghix f' residenza separata minn dik tal-genituri taghha, filwaqt li z-zewgt itfal l-ohra huma Luana C li llum ghandha ghoxrin (20) sena, u l-izghar minn dawn it-tlett itfal, it-tifel Alan li llum ghandu sbatax (17)-il sena, u proprju f' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) isir maggorenni. Illi t-tifel iz-zghir , il-minuri Alan ta' sbatax (17)-il sena llum jahdem 'full time' fin-negozju ta' missieru.

Premess illi l-attrici xtaqet illi l-affarijiet ma jaslux s' hawn ma zewgha, l-aktar minhabba r-resistenza qawwija li

ghamlu t-tlett uliedhom biex il-familja taghhom ma titfarrakx, imma filwaqt li l-attrici baqghet kawta minkejja li ottjeniet l-awtorizzazzjoni mis-Sekond' Awla biex forsi l-firda legali ma zewgha ssir bil-kwiet permezz ta' separazzjoni bonarja, u ma jitilfux ir-ritmu l-ambjent pacifiku fil-familja, il-konvenut odjern ghazel it-triq tal-konfrontazzjoni peress li nhar il-Gimgha, disa' u ghoxrin ta' Novembru, tas-sena elfejn u tnejn (29.11.2002), kien huwa stess li ntavola kawza kontra l-mara tieghu.

Premess illi ma huwa minnu xejn li l-attrici rrendiet ruhha hatja fil-konfront tal-konvenut t'adulterju, mohqrija, eccessi, sevizzi u ngurji gravi, b' mod li llum iz-zwieg bejn il-kontendenti konjugi C tkisser irrimedjabilment, imma kien proprju l-konvenut odjern li kien hati fil-konfront ta' l-attrici t' adulterju, u ragunijiet legalment fondati ohra kif gja' saret referenza ghalihom aktar il-fuq fi premessi precedenti. Kwindi gja' la darba tama ta' separazzjoni bonarja wkoll spiccat fix-xejn, l-attrici ma kienx ghad baqalha triq ohra ghajr illi tintavola l-kawza kontenzjuza taghha odjernement.

Premess illi l-attrici ma tiflahx tissaporti aktar s-sitwazzjoni pendenti u ezistenti bejna u bejn zewgha l-konvenut u minkejja l-fatt li t-tlett uliedha jistghu jitqiesu maggorenni u prattikament mhux ser ikunu jistghu jiffurmaw parti mis-sentenza ta' din il-kawza attwali, l-attrici xorta wahda ghad ghandha interess illi lil ulied taghha ma toholqilhomx sitwazzjoni mbarazzanti aktar minn dak li huwa possibli, peress illi fil-verita' kien l-istess zewgha l-konvenut li bhala attur ghamel l-ewwel pass biex jintavola l-kawza kontenzjuza ghal firda legali.

Premess illi prezenzjalment l-attrici qed tircievi retta alimentari da parti tal-konvenut zewgha fl-ammont ta' tmenin lira Maltin (Lm80) bil-quddiem, kull gimgha, u skond l-istess digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tat-tletin ta' Settembru, tas-sena elfejn u tnejn (30.09.2002), ghandu jibqa' jigi vversat dan il-manteniment lill-attrici 'penedente lite', purche li l-attrici gja' minn issa qed issostni li considerando n-negozju u l-proprjeta' immobiljari tal-familja C, hija jisthoqilha mill-inqas l-

ammont ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) manteniment fil-gimgha.

Premess dan kollu, jghid il-konvenut E C (I.D. numru 106656M) ghala din il-Wisq Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili m' ghandhiex tevalwa, tifli, taqta', tiddeciedi u tordna illi:

1. It-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg bejn il-kontendenti li llum tkisser irrimedjabilment huwa tort uniku tal-konvenut E C minhabba l-adulterju tieghu u l-vjolazzjoni ta' l-elementi kollha kontenuti fl-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. B'referenza ghaz-zwieg tal-hdax ta' Gunju, tal-elf disa' mija segha u sebghin (11.06.1977), li minnhom il-kontendenti C kellhom tlett itfal, illi b' rizultat tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti ghall-firda legali, il-konjugi C b' effett mis-sentenza jkunu hielsa li jghixu l-hajja libera taghhom, minghajr htiega ta' awtorizzazzjoni, kunsens jew xi forma ta' permess minn naha ghall-ohra u vici versa, b' mod illi l-obbligu wkoll ta' bejniethom li jikkoabitaw flimkien jintemm effetttivament mid-data tas-sentenza odjerna, anke jekk 'de facto' din is-sitwazzjoni diga' ilha prevalenti ghal zmien sostanzjali;

3. Il-konvenut E C ghandu jiddekadi mid-drittijiet tieghu kollha a bazi ta' Artikolu 48 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dina l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika fid-diskrezzjoni taghha l-effetti tal-Artikoli 51, 52, 53 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Retroattivament 'pendente lite' u effettivament mid-data tas-sentenza l-konvenut ghandu jivversa retta alimentari lil martu l-attrici ammontanti ghal mill-inqas mija u hamsin lira Maltin (Lm150) fil-gimgha u dan effettivament mid-data ta' l-intavolar ta' din il-kawza odjerna, u fid-dawl tad-digriet numru 1705/2002 li inghata nhar it-tletin ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (30.09.2002) wara rikors debitament intavolat nhar it-tlettax (13) ta' Awissu, tas-sena kurrenti, rikors numru 1866/2002;

5. Id-dar konjugali f' numru 39, bl-isem ta' "Bmm House", fi Triq il-Bhajra, Qormi QRM 10, ghandha tigi assenjata in toto lill-attrici Susanne C skond il-ligi, u minhabba l-fatt li hemm ragunijiet legalment fondati ghala d-dar konjugali ghandha tigi assenjata in toto bhala r-residenza ordinarja tal-istess attrici attwali;

6. Il-konvenut E C li ghandu n-numru tal-Karta ta' l-Identita' 106656 ghandu jigi ordnat jallontana ruhu mid-dar konjugali ghar-ragunijiet legalment fondati u jmur jirrisjedi f' residenza alternattiva ohra jew inkella f' wiehed mill-fondi immobiljari li hemm proprjeta' tal-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi kontendenti C;

7. Ghandha tigi xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi C, considerando t-talba ta' l-attrici li l-konvenut jitlef il-jeddijiet tieghu kollha a bazi ta' artikolu 48 tal-Kodici Civili, liema xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ghandu jirrispekja l-hidma li saret mill-konjugi C partikolarment dik tal-attrici li barra li gabet tlett itfal fid-dinja, ghinet lil konvenut biex mix-xejn jibni negozju li issa l-istess konvenut jidhirlu li l-attrici ghandha tithalla assolutament barra minnu;

8. L-attrici ghandha tigi assenjata sehem likwidu mill-assi kollha li hemm fin-negozju tal-konjugi kontendenti C u partikolarment tat-tmexxija u gestizzjoni ta' li Snack Bar maghruf bl-isem ta' Buchman's li jinsab fi Triq il-Kubrit il-Gzira u dana biex l-attrici tkun tista' tiehu sehemha minn negozju f' forma likwida, apparti mir-retta alimentari li talbet f' talbiet precendenti;

9. Il-kontendenti konjugi C ghandhom jiddekadu mid-dritt legali li jirtu lil xulxin a bazi ta' l-artikolu 60 tal-Kodici Civili, u li f' kull kaz dina l-Onorabbli Qorti tordna li tali sentenza ghandha togi registrata fir-Registru Pubbliku biex jigu salvagwardjati wkoll l-interessi ta' terzi persuni;

10. L-attrici m' ghandha tbati ebda forma ta' spejjez, la gudizzjari u lanqas extra gudizzjarji, u li din il-kawza ghandha titmexxa u timxi mac-citazzjoni numru 1362/02

RCP fl-ismijiet ‘E C versus Susanne C’ li giet intavolata nhar il-Gimgha disgha u ghoxrin ta’ Novembru tas-sena elfejn u tnejn (29.11.2002)

11. Din il-kawza ghandha tipprocedi xorta wahda anke fl-eventwali kontumacja tal-konvenut, f’ liema kaz il-Qorti ghandha mmedjatament tappunta kuraturi deputati sabiex ikunu jistghu jirraprezentaw lill-assenti konvenut fl-eventwalita’ tal-kontumacja tieghu;

12. Ghandhon jigu nominati jekk ikun il-kaz, periti minn dina l-Onorabbli Qorti biex tkun tista’ ssir stima u valur tal-proprjetajiet immobiljari fi hdan il-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi C, kif ukoll biex issir likwidazzjoni tal-valur tal-gestazzjoni u n-negozju ta’ li Snack Bar maghruf bl-isem ta’ Buchman fi Triq il-Kubrit gewwa l-Gzira, u dan biex sehemha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti jkun jista’ jigi mghoddi lill-attrici f’ forma likwida;

13. Ghandhom jinghataw dawk il-provvedimenti kollha opportuni li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u gust li tista’ taghti u tordna fic-cirkostanzi a bazi tat-talbiet attrici kontenuti f’ din il-kawza kif hawn fuq Bsposti;

Bl-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra gudizzjarji, kontra l-istess konvenut E C li minn issa jigi ngunt in subizzjoni.

B’ riserva ta’ kwalsiasi azzjoni ohra ghad-danni spettanti lill-attrici kontra l-istess konvenut zewgha, fid-dawl ta’ dak li jirrizulta mill-atti ta’ din ic-citazzjoni odjerna u fil-mori ta’ din il-kawza.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

Illi bosta mit-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi l-eccipjenti jaqbel li z-zwieg bejnu u bejn martu l-attrici tkisser irrimedjabbilment pero’ dan minhabba htijiet

imputabbli lill-istess martu senjament adulterju u mohqrija u mhux minhabba htijiet imputabbli lill-eccipjenti.

2. Illi l-eccipjenti jaqbel mat-tieni talba attrici.

3. Illi l-eccipjenti ma jaqbilx li huwa ddekada mid-drittijiet tieghu a bazi ta' l-Artikolu 48 u li ghalhekk ghandhom jigu applikati fil-konfront tieghu l-effetti ta' l-Artikoli 51, 52 u 53 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi kienet l-istess attrici martu li ddekadiet mid-drittijiet taghha a bazi ta' l-Artikolu 48, u dan senjament minhabba adulterju kommess minnha matul dawn l-ahhar snin, u ghalhekk hija tilfet id-dritt taghha ghal kwalsiasi manteniment minghand l-eccipjenti. Dan minghajr pregudizzju ghal fatt li l-introjtu ta' l-eccipjenti bl-ebda mod ma jista' jlahhaq ghal manteniment ta' Lm150 fil-gimgha kif qed tippretendi l-attrici.

5. Illi m'hemm bl-ebda raguni l-ghala l-attrici ghandha tigi assenjata d-dar matrimonjali.

6. Illi wisq aktar m'hemm l-ebda raguni l-ghala l-eccipjenti ghandu jigi ordnat jallontana ruhu mid-dar matrimonjali u kif qed tippretendi l-attrici jmur jabita f'xi garaxx jew remissa (stante li dawk huma proprjetajiet immobiljari proprjeta' tal-komunjoni ta' l-akkwisti).

7. Illi l-eccipjenti jaqbel li ghandha tigi xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu, pero' huwa ma jaqbilx li huwa ghandu jitlef il-jeddijiet tieghu fuq l-istess.

8. Illi l-komunjoni ta' l-akkwisti hija komodament divizibbli bejn il-kontendenti u ghalhekk m'hemmx raguni l-ghala l-attrici ghandha tigi assenjata sehemha f'forma likwida.

9. Illi l-eccipjenti jaqbel mad-disa' talba ta' l-attrici.

10. Illi l-eccipjenti jopponi li huwa ghandu jinstab hati ghal xi spejjez gudizzjarji jew extra-gudizzjarji.

11. Illi l-eccipjenti jaqbel li jekk din l-Onor Qorti jidhrilha opportun, ghandhom jigu nominati periti biex tigi vvalutata l-komunjoni ta’ l-akkwisti u ssir il-likwidazzjoni ta’ l-istess.

Rat il-kontro talba tal-konvenut rikonvenzjonant, li giet ceduta permezz ta’ nota prezentata fit-18 ta’ Ottubru 2006, u dan in vista tal-kawza numru 1362/02NC fl-ismijiet inversi li ghadha pendenti quddiem din il-Qorti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attrici rikonvenzjonata li biha eccepixxiet:

1. Illi l-eccipjenti Susanne C ntavolat il-kawza odjerna taghha li ghaliha l-konvenut zewgha E C ghamel il-kontro-talba tieghu, li biha giet notifikata f’ jum l-Erbgha, id-disgha u ghoxrin ta’ Jannar, tas-sena elfejn u tlieta (29.01.2003) fl-ghaxra u nofs ta’ filghodu (10.30 a.m.) fir-residenza ta’ ommha f’ numru 126, High Street, gewwa Tas-Sliema minhabba li l-attrici kellha titlaq mid-dar konjugali minhabba l-vjolenza da parti tal-konvenut zewgha, suggetta ta’ rikors appozitu li ghandha quddiemha dina l-Onorabbli Qorti.

2. Illi l-eccipjenti tirreferi wkoll ghac-citazzjoni numru 1362/02 RCP fl-ismijiet ‘E C versus Susanne C’ li hija ghad ma gietx notifikata biha u li tinsab appuntata quddiem dina l-Onorabbli Qorti ghall-ewwel ta’ April, tas-sena elfejn u tlieta (01.04.2003), u dana sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun tista’ tirregola r-ritmu ta’ kif sejrin jimxu dawn iz-zewg kawzi mill-istess konjugi C imma fl-ismijiet inversi.

3. Illi l-eccipjenti fic-cirkostanzi tirreferi ghat-talbiet taghha fic-citazzjoni odjerna, ghall-premessi u ghad-dikjarazzjoni guramentata, u kwindi titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex fic-cirkostanzi tilqa’ l-ewwel talba fil-kontro-talba tal-konvenut E C imma ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-istess konvenut E C billi dak li ghamel hu issa qieghed jipprova jinversah fuq il-mara tieghu l-attrici odjerna.

4. Illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tilqa' wkoll it-tieni talba tal-konvenut E C b' mod illi pero' tirrispekja l-hidma li ghamlet l-istess attrici biex il-komunjoni ta' l-akkwisti staniet kif staniet tul medda ta' snin bil-hila unika tal-istess attrici kif jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza.

5. Illi l-Qorti ghandha tirrispingi wkoll il-hames talba tal-konvenut E C ghar-ragunijiet li jirrizulta lil din il-Qorti fil-mori ta' din il-kawza.

6. Illi l-attrici m' ghandha tbati ebda forma ta' spejjez fit-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu u li l-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-proceduri inizjati quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili ghandhom jigu sopportati mill-konvenut E C li minn issa jibqa' ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat id-digiret moghti minn din il-Qorti fid-9 ta' Dicembru 2003 li permezz tieghu giet ordnata l-konnessjoni tal-kawza odjerna mal-kawza fl-ismijiet inversi bin-numru 1362/02, b' mod li kull xhieda moghtija f' kawza minnhom ghandha tghodd bhala xhieda fil-kawza ohra, u vice versa [fol.258];

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Marco Ciliberti minnu debitament mahluf [fol.333 et seq.];

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti s-separazzjoni personali minn mal-konvenut ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess konvenut in bazi ghall-kontenut ta' l-Artikolu numri 38, u l-Artikolu 40 fid-dimensjoni shiha tieghu; inoltre qeda titlob li jigu regolati l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Il-konvenut minn naha tieghu, filwaqt li jichad l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet attrici maghmula fil-konfront tieghu, huwa wkoll qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma' martu l-attrici ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess attrici fit-termini ta' l-istess Artikoli tal-ligi fuq citati.

Illi minn ezami rett tal-provi akkwisiti l-Qorti wasslet ghall-istess konkluzzjonijiet raggjunti mill-abbli perit legali fir-relazzjoni tieghu. Hija tikkondividi l-konsiderazzjonijiet maghmula mill-perit legali fuq dan l-aspett u taghmilhom taghha u a skans ta' ripetizzjoni mhux ser terga' tirriproducihom f' dan il-gudizzju.

In vena legali, u rigward l-akkuzi reciproci ta' adulterjru, hija opportuna l-osservazzjoni li skond gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati gie ritenut diversi drabi li minhabba d-diffikulta' tal-prova okulari tal-kongungiment karnali, l-adulterju jista' jigi inferit minn indizzji u presunzjonijiet gravi bhal ma huma l-istat ta' konkubinat. L-adulterju huwa bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda stante d-diffikulta' tal-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indizji u presunzjonijiet, purche dawn ikunu gravi, precisi u konkordanti, b' mod li ma jhallu ebda dubju f' min ghandu jiggudika – izda ma hemmx bzonn ta' testimonjanza de visu *[PA Rita Spiteri vs Avk.Dr.Albert Grech Vol.XXXVII.II.693; PA Rosina Micallef vs Angelo Micallef – 27.06.1964]*

Fil-kaz in disamina, il-Qorti tosserva li, filwaqt li jirrizulta sodisfacentment provat l-adulterju da parti ta' l-attrici, dak tal-konvenut ma' giex provat. Fil-provi hemm xhieda u ritratti li jikkorroboraw ir-relazzjonijiet extra maritali ta' l-attrici li jirrisalu ghaz-zmien meta l-partijiet kienu ghadhom jikkonvivu flimkien; inoltre l-affidavit [fol.295] mhux kontradett ta' Alan Grech, persuna estranea, jiccimenta l-akkuza ta' adulterju maghmula mill-konvenut fil-konfront ta' l-attrici.

Minn naha l-ohra, fir-rigward tal-konvenut, ghalkemm l-attrici ghamlet kemm il-darba l-allegazzjoni li dana kien infidil lejha fiz-zwieg bil-kommissjoni ta’ adulterju, ma ngabet ebda prova kondreta li tista’ titqies bhala sodisfacenti. Mill-banda’ l-ohra pero’ kif issottometta l-perit legali, jezistu provi sufficjenti derivanti principalment, mid-deposizzjoni tax-xhieda ta’ l-binthom il-kbira “li l-konvenut ikkontribwixxa huwa wkoll ghat-tifrik ta’ dan iz-zwieg, mhux anqas peress illi huwa hati fil-konfront ta’ martu ta’ ingurji gravi naxxenti minn relazzjonijiet, anke jekk mhux adulteri, li l-offendu lill-parti l-ohra fiz-zwieg….omissis…. mill-assiem tal-provi prodotti l-agir tal-konvenut jinkwadra fil-parametri ta’ agir detrimentali li rrenda l-konvivenza komuni difficli*.. [Mary Grace Mallia vs Alfred Mallia deciza 26 ta’ Gunju 2003]”[fols.382 u 383].*

Illi rigward l-allegazzjoni l-attrici dwar atti ta’ vjolenza kommessi mill-konvenut fuq il-persuna taghha, anke fir-relazzjonijiet intimi taghhom, il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet tal-perit legali, u li dawn mhumiex korroborati. Jigi osservat li l-incident ta’ vjolenza fisika li sehh fil-15 ta’ Dicembru 2002 li fih iz-zewg partijiet sofrew griehi hfief skond certifikati medici, jirrizulta mill-atti bhala incident isolat li sehh fil-mori tal-proceduri odjerna wara li l-konvenut issorprenda lill-attrici tidhadded ma’ ragel go bar u hadilha ritratt.

In propositu Il-Qrati taghna rritenew illi biex ikun hemm eccessi jew mohqrija jehtieg ikun hemm mhux biss xi att izolat ta’ daqqa waqt xi tilwima, imma l-persistenza f’ certa imgieba hazina li turi li l-konjugi ma jistghux ikomplu jghixu flimkien *[PA[PS] Mary Muscat vs Anthony Muscat – 28.02.2003].* Huwa pacifikament akkolt fil-gurisprudenza nostrana li l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri *[PA Caterina Agius vs Benedict Agius – 13.06.1967] [PA[PS] Marthese Vella vs George Vella – 8.02.2003]*

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li z-zewg partijiet jahtu ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg taghhom, bl-attrici hatja wkoll ta’ adulterju.

In materja ta' responsabbilita' u htija ghas-separazzjoni personali, hija opportuna l-osservazzjoni li dak li hu relevanti u determinanti huwa l-komportament tal-partijiet jew tal-parti waqt iz-zwieg u qabel ma dan ikun gie meqjus li tkisser irrimedjabbilment. Ghalhekk jekk bhal fil-kaz prezenti, wara li z-zwieg kien diga' tfarrak parti tkun dahhlet f' relazzjoni ma' terza persuna, u anke ikollha tarbija rizultat ta' din ir-relazzjoni, dan ma jbiddel xejn mill-htija attribwibbli lill-parti, jew partijiet, konsegwenza tal-komportament abusiv kommess matul iz-zwieg u li kien il-kagun tat-tkissir tieghu.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tosserva li l-adulterju kommess mill-konvenut zmien wara li z-zwieg tieghu kien diga' tkisser irremedjabbilment minhabba htijiet kif fuq spjegat, ma ghandux relevanza f' materja ta' htija, stante li l-htija ghas-separazzjoni ma kienitx dan l-adulterju da parti tal-konvenut, izda l-fatturi fuq indikati. Konsegwenzjalment il-Qorti tikkonsidera r-rikors prezentat mill-attrici fil-23 ta' Ottubru [gurnata qabel ma kellha tigi pronunzjata s-sentenza] bhala wiehed vessatorju; anke tenut kont tal-kaz li zgur li l-attrici kienet konxja tat-tqala tas-siehba tal-konvenut u ghalhekk ma kellhiex ghalfejn thalli proprju ghall-ahhar sabiex tipprezenta dak ir-rikors; u ghalhekk din it-talba qed tigi michuda.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi dwar il-konsistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti, il-Qorti taghmel referenza ghall-oggett mobbli u immobbli elenkati mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu that l-intestatura "Komunjoni ta' l-Akkwisti" a fols.373 sa 378 tal-process [pagni 38 sa 43 tar-relazzjoni] u qed taghmel taghha l-kontenut taghhom li ghandhom jifformaw parti ntegrali mill-gudizzju odjern. Il-Qorti tikkondividi wkoll l-assenjazzjoni ta' dawn l-assi kif maghmula mill-perit legali, kif ser jigi indikat aktar il-quddiem fil-parti dispostiva tas-sentenza.

Illi in kwantu ghall-allegazzjoni maghumla mill-attrici fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha li l-konvenut ghandu

"investimenti sostnzjali ta' flus u stock barra minn Malta.." il-Qorti tosserva li l-din mhijex sostnuta mill-provi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa l-addozzjoni tar-rapport tal-perit legali, tilqa' t-talbiet attrici limitatament kif ser jinghad:

[1] Tilqa' l-ewwel talba attrici billi tippronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti attribwibbli ghall-agir taz-zewg partijiet li rrendew ruhom hajta fil-konfront ta' xulxin ta' sevizzji u ngurji gravi u wkoll ghaliex kawza ta' l-istess iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;

[2] Tilqa' t-tieni talba tal-attrici u tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 (a) u (d) mid-data tas-sentenza, dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 51 tal-Kap.16;

[3] Tichad it-tielet talba attrici fis-sens illi stante illi, kif ser jinghad, ghandhom jigi applikati anke kontra l-attrici l-effetti ta' l-Artikolu 48, hija ghandha titlef id-dritt taghha li tippercepixxi manteniment minghand zewgha l-konvenut, filwaqt li tichad wkoll it-talba attrici in kwantu din tirrigwarda d-dar matrimonjali in vista ta' dak li ser jinghad aktar il-quddiem;

[4] Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti b'effett mid-data tas-sentenza u filwaqt li tordna l-bejgh in subasta tal-propjeta immobiljari Bmm House bin-numri 39/40 fi Triq il-Bhajra, Hal Qormi u l-garaxx li jgib l-isem D Gafa fi Triq Wenzu Gafa, Hal Qormi (u dan senjatament peress illi l-valuri tal-propjetajiet immoblijari ma jaghmlux l-istess komodament divizibbli bejn il-partijiet) filwaqt li r-rikavat tal-bejgh, wara li minnha titnaqqas is-somma ta' Lm28,000, rapprezentanti l-valur tal-propjeta' immobiljari li sejra tigi assenjata lill-konvenut, u wara li tigi assenjata lill-konvenut is-somma ta' Lm2,305.62 (nofs is-somma ta' Lm4,611.24 li l-attrici zbankat mill-kont bin-numru 14815110016) u wara li jithallas kull dejn gravanti d-dar matrimonjali, ghandu jigi diviz nofs bin-nofs bejn il-partijiet, dan anke peress illi l-attrici nsistiet li tiehu sehemha f'forma likwida.

Il-partijiet jibqghu dejjem awtorizzati li jbighu l-proprjeta' fuq is-suq hieles jekk ikun hemm ftehim bejniethom f' dan is-sens.

Ghandu sussegwentment jigi assenjat lill-attrici a saldu ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti is-segwenti :

a. Nofs ir-rikavat mill-bejgh in subasta tal-fond bin-numri 39/40 fi Triq il-Bhajra, Qormi u l-garaxx li jgib l-isem D Gafa fi Triq Wenzu Gafa, Hal Qormi, dan wara li jitnaqssu s-somma ta' Lm 28,000 rapprezentanti l-valur tal-propjeta' immobiljari li sejra tigi assenjata lill-konvenut, s-somma ta' Lm2,305.62 rapprezentanti nofs is-somma zbankata mill-attrici u d-dejn gravanti d-dar matrimonjali;

b. Is-somma ta' Lm28,000 mill-bejgh in subasta tal-propjeta immobijari 39/40 fi Triq il-Bhajra, Qormi u l-garaxx li jgib l-isem D Gafa fi Triq Wenzu Gafa, Hal Qormi;

c. Vettura tal-marka Toyota Carina bin-numru B119;

d. Is-segwenti artikoli tad-deheb li jinstabu fis-safe deposit box mizmuma f'isem l-attrici fil-fergha ta' Hal Qormi tal-Bank of Valletta :

i. Kaxxa bl-isem Patrick Jeweller kontenenti par imsielet

ii. Gizirana tad-deheb (ara par.4 tad-deskrizzjoni moghtija)

iii. Kaxxa Sergio Zampa kontenenti curkett tad-deheb (ara par.5 tad- deskrizzjoni moghtija)

iv. Arlogg (ara par.6 tad-deskrizzjoni moghtija)

v. Zewg crieket parigg tat-tieg

vi. Curkett, broach u par imsielet antiki

vii. Kont Bankarju bin-numru 11509184018 tat-tip Savings Account u Kont Bankarju bin-numru 400 116 20769 tat-tip Current Account mizmuma fil-fergha tal-Bank of Valletta plc ta' Hal Qormi.

Ghandu jigi assenjat lill-konvenut a saldu ta' sehemhu mill-komunjoni tal-akkwisti is-segwenti:
ir-remissa li ggib l-isem Ramuncho IV fi Triq is-Serkin il-Marsa;

il-garaxx bin-numru 50 fi Triq il-Kubrit il-Gzira;

il-kirja ta' Buchmann's Bar;

il-kirja tal-boathouse gewwa l-Qawra;

erba' crieket propjeta' tieghu li jinstabu fis-safe deposit box mizmuma f'isem l-attrici fil-fergha ta' Hal Qormi tal-Bank of Valletta;

Vettura tal-marka Toyota Hilux bin-numru EMM333.

Is-somma ta' Lm2,305.62 u nofs ir-rikavat mill-bejgh in subasta tal-fond bin-numri 39/40 fi Triq il-Bhajra, Qormi u l-garaxx li jgib l-isem D Gafa fi Triq Wenzu Gafa, Hal Qormi dan wara li jitnaqssu is-somma ta' Lm 28,000 rapprezentanti l-valur tal-propjeta' immobiljari li sejra tigi assenjata lill-konvenut, s-somma ta' Lm2,305.62 rapprezentanti nofs is-somma zbankata mill-attrici u d-dejn gravanti d-dar matrimonjali;

Ir-rimanenti artikoli ta' deheb u metall prezzjuz li jibqghu mhux assenjati bejn il-partijiet u li jinstabu fis-safe deposit box mizmuma f'isem l-attrici fil-fergha ta' Hal Qormi tal-Bank of Valletta ghandhom jigu assenjati bix-xorti bejn il-partijiet, b'mod illi l-valur tal-oggetti li jmissu lill-attrici u l-valur tal-oggetti li jmissu lill-konvenut ghandhom ikunu

approssimament ugwali, dan bl-opera ta' perit nominand mahtur ghal dan il-ghan jekk ikun mehtieg.

Illi l-Qorti tikkonsidera l-ahhar zewg rikorsi [voluminuzi] prezentati mill-attrici fl-ahhar stadju tal-proceduri, fil-31 ta' Lulju 2006 u fit-23 ta' Ottubru 2006; bhala abbuz mill-procedura gudizzjarja, stante li jikkostitwixxu tentattiv fieragh da parti taghha sabiex jittawwlu inutilment il-proceduri [li jirrisalu ghas-sena 2002] u hela ta' hin ta' din il-Qorti. Ghaldaqstant il-Qorti b' applikazzjoni tal-para.10 Skeda A Kap.12 tordna lill-attrici thallas is-somma ta' mitt lira maltin [Lm100] spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti u dan fi zmien xaharejn mid-data ta' din is-sentenza.

Spejjez jigu sopportati in kwantu ghal terz mill-konvenut u zewg terzi jibqghu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------